



## SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA TAS-SEMESTRU EWROPEW

# IL-BENEFIĊĊJI TAL-QGĦAD

### 1. INTRODUZZJONI

**Il-benefiċċji tal-qgħad huma karatteristika ewlenija tas-sistemi Ewropej kollha ta' protezzjoni soċjali.** Billi jassiguraw lill-ħaddiema kontra r-riskju ta' telf tax-xogħol, dawn jipprovdu xibka ta' sikurezza essenzjali għall-individwi u għall-unitajiet domestiċi, u b'hekk jikkontribwixxu għall-protezzjoni ta' dawn kontra l-faqar. Dawn jaġixxu wkoll bħala stabbilizzaturi awtomatiċi fiċ-ċiklu tan-negozju billi jappoġġjaw l-introjti ta' dawk li jkunu tilfu xogħolhom u qed ifittxu impjieg ieħor. Barra minn hekk, il-benefiċċji tal-qgħad jagħmlu r-riallokazzjoni tal-ħaddiema fl-ekonomija proċess b'anqas intoppi, peress li l-persuni li jfittxu impjieg ikunu jistgħu jiddedikaw il-ħin biex isibu impjegi li jaqblu mal-ħiliet u mal-aspettattivi tagħhom, jew jagħmlu taħriġ ġdid. B'dawn il-modi, il-benefiċċji tal-qgħad jappoġġjaw it-tkabbir.

Fl-istess ħin, benefiċċji tal-qgħad għoljin riċevuti fuq perjodu estiż ta' żmien, b'kondizzjonalità limitata tat-tiftix ta' impjieg, jistgħu jnaqqsu l-inċentiv li wieħed jirritorna għax-xogħol. Dan għandu impatt negattiv fuq id-durata tal-qgħad u fuq il-qgħad totali, u effetti detrimental fuq it-tkabbir u fuq is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali.

**Is-sistemi ta' benefiċċji tal-qgħad ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, u joperaw f'kuntest tal-qafas**

### **ekonomiku u istituzzjonali usa'.**

Hemm differenzi fil-perjodi ta' kwalifiki għall-eliġibbiltà, fid-durata taż-żmien koperta mill-benefiċċji tal-qgħad, fil-livell monetarju tagħhom u fl-evoluzzjoni relatata tagħhom maż-żmien, u fil-mod li bih huma kkalkolati. Pereżempju, id-durata tal-benefiċċji tal-qgħad tista' tvarja minn 90 jum sa durata indefinita, filwaqt li l-ammont tagħhom jista' jiġi kkalkolat bħala perċentwal, fiss jew li jvarja, tal-aħħar paga tal-persuna, bħala rata fissa jew bħala r-riżultat ta' formula li tinkludi dawn iż-żewġ elementi, bl-applikazzjoni possibbli tal-limiti minimi u massimi. Hemm ukoll varjazzjoni kbira fir-rekwiżiti ta' tiftix ta' impjieg u ta' disponibbiltà għax-xogħol, li huma karatteristika importanti oħra tas-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jibqgħu involuti u ma jsirux inattivi.

L-inċentiv għax-xogħol hu influwenzat mhux biss minn dawn il-karatteristiċi tad-disinn tal-iskemi tal-qgħad, iżda anki mis-sistemi applikabbli tat-taxxa u tal-benefiċċji, li (normalment) jinkludu benefiċċji soġġetti għal test tal-mezzi bħall-assistenza soċjali, allowances għall-akkomodazzjoni, benefiċċji tal-familja u benefiċċji relatati max-xogħol. Bl-istess mod, l-isforzi individwali ta' tiftix ta' impjieg huma influwenzati mill-forniment ta' politika attiva tas-suq tax-

xogħol<sup>1</sup>, kif ukoll minn kundizzjonijiet ġenerali ekonomiċi u tas-suq tax-xogħol.

Il-**benefiċċji tal-qgħad** jistgħu jieħdu żewġ forom differenti: assigurazzjoni tal-qgħad u assistenza għall-qgħad. Il-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad jeżistu fl-Istati Membri kollha u huma bbażati fuq il-kontribuzzjonijiet. Dan ifisser li persuna tista' titlobhom biss wara li tkun ħadmet għal ċertu perjodu minimu b'kontribuzzjonijiet imħallsa (magħruf bħala perjodu tal-kwalifikazzjoni). Il-livell ta' dawn spiss jiġi kkalkolat b'mod proporzjonat għall-livell tal-qligħ riċevut fl-aħħar impjieg u d-durata tagħhom spiss tiddependi mit-tul ta' żmien li matulu tħallsu l-kontribuzzjonijiet. L-assistenza għall-qgħad għandha l-għan primarju li tipprevjeni l-faqar relatat mal-qgħad: ġeneralment tkun soġġetta għal test tal-mezzi u tkun disponibbli għal individwi qiegħda li huma ineliġibbli jew li m'għadhomx intitolati għall-assigurazzjoni tal-qgħad. Il-livell tal-benefiċċji tal-assistenza għall-qgħad ġeneralment ikun anqas minn dak għall-assigurazzjoni tal-qgħad. Ħafna mill-Istati Membri m'għandhomx skema separata ta' assistenza għall-qgħad fis-seħħ, iżda fil-parti l-kbira jibbażaw fuq assistenza soċjali ġenerali soġġetta għal test tal-mezzi mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' familji bi dħul baxx<sup>2</sup>.

Din in-nota hi strutturata kif ġej: It-taqsim 2 tirreżamina l-isfidi eżistenti fil-pajjiżi tal-UE fir-rigward tal-eżiti tal-politika; It-taqsim 3 tiddiskuti l-evidenza disponibbli dwar il-politiki

---

<sup>1</sup> Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) mhumiex limitati għall-benefiċjarji tal-benefiċċji tal-qgħad, iżda huma ġeneralment miftuħa wkoll (skont il-karatteristiċi tas-sistema tal-ALMP) għal persuni li qed ifittxu impjieg li mhumiex eliġibbli għall-benefiċċji tal-qgħad (jew oħrajn). Dawn jistgħu jvarjaw minn appoġġ għat-tiftix ta' impjieg ipprovdut minn servizzi pubbliċi tal-impjieg, sa taħriġ u taġġim tal-il-ħajja, sussidji tal-pagi jew skemi ta' ħolqien tax-xogħol. Skeda informattiva tematika separata tkopri dan il-qasam speċifiku tal-politika.

<sup>2</sup> Ħdax-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, Malta, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit) għandhom benefiċċju tal-assistenza għall-qgħad separat soġġett għal test tal-mezzi.

xierqa għall-indirizzar tal-isfidi korrispondenti b'mod effettiv; u t-taqsim 4 tipprovdi eżaminazzjoni bejn il-pajjiżi tal-prestazzjoni tal-politiki fl-UE. It-taqsim 5 telenka sorsi addizzjonali ta' data u ta' informazzjoni.

## 2. L-ISFIDI POLITIĊI; ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PRESTAZZJONI FIL-PAJJIŻI TAL-UE

**Id-disinn tas-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad** irid isib bilanċ bejn l-objettiv ta' sostenn tal-introjti tal-persuni li qed ifittxu impjieg matul il-perjodi ta' qgħad u l-ħtieġa li jiżgura inċentivi adegwati għas-sejbien ta' xogħol. Il-benefiċċji jvarjaw kemm fil-livell tagħhom (b'mod partikolari b'rabta mal-qligħ preċedenti) kif ukoll fid-durata tagħhom maż-żmien. Livelli baxxi ta' benefiċċji jsarrfu fi tnaqqis tal-istandards tal-għajxien tal-persuni qiegħda. L-istess hu minnu għad-durata tal-benefiċċji, peress li dawk li huma qiegħda jeħtieġu biżżejjed żmien biex isibu impjieg xieraq li jaqbel mal-ħiliet u mal-kwalifiki tagħhom. Min-naħa l-oħra, jekk id-diskrepanza bejn il-livell ta' introjtu pprovdut mill-benefiċċji tal-qgħad u mill-introjtu potenzjalment miksub mill-qligħ hi baxxa wisq, dan jista' jxekkel l-inċentiv ta' ritorn lura għax-xogħol<sup>3</sup>.

Karatteristiċi oħra tad-disinn tas-**sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad** jinfluwenzaw ukoll l-involviment fis-suq tax-xogħol u l-impjegabbiltà tal-persuni qiegħda. Dan hu l-każ għar-rekwiżiti ta' tiftix ta' impjieg u ta' disponibbiltà għax-xogħol u għall-parteċipazzjoni obbligatorja fi programmi attivi tas-suq tax-xogħol li jistgħu jiġu stabbiliti bħala kundizzjoni biex jibqgħu jiġu riċevuti l-benefiċċji. L-impożizzjoni relatata tas-sanzjonijiet, b'mod partikolari s-sospensjoni tal-eliġibbiltà għall-benefiċċji f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti dwar id-disponibbiltà għax-xogħol u t-tiftix ta' impjieg, hi influwenza wkoll.

---

<sup>3</sup> Tali diżinċentivi finanzjarji għax-xogħol huma koperti sew mill-hekk imsejjaħ indikatur tan-"nassa tal-qgħad" prodott mill-Kummissjoni Ewropea fuq il-bażi tal-mudelli tal-benefiċċji tat-taxxa tal-OECD. Ara t-Taqsim 5 aktar 'il quddiem.

B'mod partikolari, rekwiżiti aktar strinġenti dwar it-tiftix ta' xogħol u d-disponibbiltà għax-xogħol huma mistennija jħeġġu lill-benefiċjarji tal-benefiċċji tal-qgħad jfittxu x-xogħol b'mod attiv, u jaċċettaw offerti ta' xogħol xierqa. Dan jikkumpensa għad-dizincitivi finanzjarji possibbli għax-xogħol iġġenerati minn sistemi ġenerużi tal-benefiċċji tal-qgħad, u jnaqqas id-rekwiżit li tiġi aċċettata kwalunkwe offerta ta' xogħol irrISPettivament mill-kwalifiki tal-persuna) jistgħu jwasslu għal numru akbar ta' offerti ta' impjieg fuq żmien qasir b'detriment għall-kwalità tat-tali offerti, li jaf ma jkunux dejjiema wisq (b'aktar nies li jergħu jisfaw qiegħda aktar ta' spiss). Barra minn hekk, rekwiżiti impenjattivi wisq jistgħu jaqtgħu qalb l-individwi milli jippruvaw jissodisfawhom u jwasslu biex in-nies ikomplu jitolbu l-benefiċċji u jisfaw inattivi.



L-għoti ta' appoġġ bikri lil persuni li qed ifittxu impjieg fil-forma ta' konsulenza u ta' politiki attivi xierqa tas-suq tax-xogħol jaqdi rwol importanti wkoll. Dan mhuwiex diskuss aktar hawnhekk peress li l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol huma s-suġġett ta' skeda informattiva għaliha<sup>4</sup>.

dipendenza fuq il-benefiċċji. Sforzi aktar intensi ta' tiftix ta' impjieg u aċċettazzjoni aktar rapida tal-offerti ta' xogħol ikunu jnaqqsu l-iskoraġġiment u possibbilment inaqqsu d-durata tal-qgħad. Fl-istess ħin, rekwiżiti strinġenti wisq jista' jkollhom effetti mhux maħsuba jew kontroproduċenti. Pereżempju, domandi strinġenti wisq dwar il-mobilità okkupazzjonali (bħar-Biex jiġi vvalutat kemm is-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad jilħqu l-eżiti ta' tlaqqiġ mas-suq tax-xogħol u soċjali mistennija, hemm żewġ indikaturi li għandhom rilevanza partikolari: ir-rata ta' riskju ta' faqar tal-qiegħda u r-rata tal-qgħad fit-tul (bħala perċentwal tal-popolazzjoni attiva). Is-sehem ta' qiegħda fuq żmien qasir koperti mill-benefiċċji tal-qgħad għandu korrelazzjoni pożittiva ma' tranżizzjonijiet oġhla mill-qgħad fuq żmien qasir għall-impjieg (Tabella 1a) u rata inferjuri ta' qgħad fit-tul (Tabella 1b). Il-kopertura tal-qiegħda fuq żmien qasir mill-benefiċċji tal-qgħad hi bbażata b'mod partikolari fuq id-durata tal-benefiċċji u fuq kundizzjonijiet speċifiċi tal-intitolament.

---

<sup>4</sup> Ara: Skeda Informattiva Tematika tas-Semestru Ewropew dwar il-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol.

**Tabella 1. Il-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad fuq żmien qasir u l-ħruġ mill-qgħad fuq terminu qasir, jew ir-rata tal-qgħad fit-tul**




Sors: *Il-Eurostat u l-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta.*

Nota: it-tranżizzjoni mill-qgħad fuq żmien qasir għall-impjieg; LTUR: ir-rata tal-qgħad fit-tul; għar-rati ta' tranżizzjoni,  $R^2 = 25\%$ , għar-rata tal-qgħad fit-tul  $R^2 = 9\%$ .

**Il-kopertura tal-qiegħda fuq żmien qasir mill-benefiċċji tal-qgħad jistħoqqilha attenzjoni partikolari, peress li tikkonċerna kemm l-eżiti tas-suq tax-xogħol kif ukoll l-eżiti soċjali.** Fl-istess ħin, il-faqar hu ferm ogħla fost il-qiegħda fit-tul, u dan juri li dan għandu rabta parzjali biss mal-kopertura tal-qiegħda fuq żmien qasir mill-benefiċċji tal-qgħad. Hemm numru ta' fatturi ewlenin oħra li jixprunaw il-faqar, bħall-adegwatezza tal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali, li jinkludu l-benefiċċji soċjali.

**Is-sitwazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tat-tliet dimensjonijiet ewlenin ta' kejl tal-prestazzjoni tal-politika f'dan il-qasam hi miġbura fit-Tabelli li ġejjin (it-Tabelli 2, 3 u 4).** Rispettivament, dawn juru l-livelli u t-tibdiliet fil-kopertura tal-qiegħda fuq żmien qasir, ir-rata tal-qgħad fit-tul u r-rata ta' faqar fost il-qiegħda. Il-linji vertikali jindikaw prestazzjoni baxxa ħafna u baxxa u / jew għolja ħafna u għolja<sup>5</sup>; il-linji orizzontali jindikaw livelli baxxi u/jew għoljin ta' bidla.

**Tabella 2. Il-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għall-qiegħda fuq żmien qasir (fl-2016, fl-2013 u fl-2008)**




Sors: Eurostat.

Nota: mhix disponibbli d-data għall-Irlanda, għan-Netherlands u għall-Awstrija. Il-bidla hi espressa f'punti.

<sup>5</sup> Kif previst mill-metodoloġija tat-tabella ta' valutazzjoni, fuq il-bażi tad-distanza mill-medja kemm f'termini tal-livelli kif ukoll tat-tendenzi. Għal aktar dettalji dwar il-metodoloġija, ara r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (2016), Anness 4.


**Tabella 3. Il-qgħad fit-tul bħala perċentwal tal-popolazzjoni attiva (2008, 2013 u 2016)**



Sors: Eurostat.

Nota: il-livelli u l-bidla huma espressi f'punti.

**Tabella 4. Ir-rata ta' faqar fost il-qiegħda (2016) u l-bidla f'din ir-rata ta' faqar (2015-2016)**



Sors: L-Istatistiki tal-Unjoni Ewropea dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien (UE-SILC), 2016 (introjtu għall-2015) u 2015 (introjtu għall-2014).

Nota: il-bidla hi espressa f'punti.

### 3. GĦODOD TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI POLITIĊI

Jidher li hemm diversi parametri tas-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad li jħallu impatt fuq l-eżiti identifikati fit-taqsima preċedenti.

**L-ewwel għodda ta' politika li għandha tiġi kkunsidrata hi d-durata tal-benefiċċji tal-qgħad**, li tidher li tħalli impatt dirett fuq ir-rata tal-faqar tal-qiegħda. Fil-prattika, id-durata tiddependi minn numru ta' fatturi, b'mod partikolari fuq l-istorja tax-xogħol preċedenti, peress li f'ħafna Stati Membri d-durata massima tal-benefiċċju tiżdied maż-żamma fil-kariga (durata itwal tal-benefiċċji għal perjodi itwal tal-kontribuzzjonijiet tul perjodu partikolari ta' żmien). Madankollu, kemm is-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa tipproteġi l-introjti tal-qiegħda jiddependi wkoll minn għodod oħra tal-politika, bħal rati ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji, jew l-intitolament biex jiġu riċevuti l-benefiċċji tal-qgħad (ara aktar 'il quddiem).

Għall-kuntrarju, l-impatt tad-durata tal-benefiċċji fuq id-durata tal-qgħad għall-popolazzjoni qiegħda totali hu ġeneralment relattivament **dgħajjef**<sup>6</sup>, peress li ż-żamma tal-istandards tal-għajxien fil-każ tal-qgħad jista' jfisser ukoll possibbiltajiet aħjar ta' sejbien ta' impjieg ġdid u ta' offerti tax-xogħol aktar adattati meta l-persuni jidħlu lura għax-

xogħol<sup>7</sup>. Hemm evidenza wkoll li l-qiegħda l-ġodda mhux intitolati għall-benefiċċji tal-qgħad aktar spiss ikunu ġejjin minn kuntesti ifqar b'involvement aktar dgħajjef fis-suq tax-xogħol<sup>8</sup>. Barra minn hekk, il-pajjiżi b'assigurazzjoni aktar ġeneruża tal-qgħad u b'infiq akbar fuq il-politiki u fuq il-miżuri ta' attivazzjoni juru rekord aktar sostenibbli ta' riintegrazzjoni ta' ħaddiema li kienu qiegħda<sup>9</sup>.

**It-tieni għodda ta' politika, ir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-qliġh preċedenti, għandha korrelazzjoni negattiva wkoll mar-rata ta' faqar tal-qiegħda.** Meta jiġu kkalkolati r-rati netti ta' sostituzzjoni, l-introjtu nett hu ddefinit bħala l-introjtu wara t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, bl-inklużjoni tal-benefiċċji soċjali possibbli (assistenza soċjali, benefiċċji tal-familja, allowances għall-akkomodazzjoni u benefiċċji relatati max-xogħol). Ta' min jišhaq li r-rati netti ta' sostituzzjoni, u l-evoluzzjoni tagħhom maż-żmien, jistgħu jvarjaw b'mod sostanzjali skont ir-rekord ta' kontribuzzjonijiet tal-persuna qiegħda, b'mod partikolari għal rekords iqsar ta' kontribuzzjonijiet, u tul il-perjodu ta' żmien ikkunsidrat, peress li l-benefiċċji normalment jonqsu maż-żmien imqatta' fil-qgħad<sup>10</sup>.

<sup>6</sup> Ara pereżempju L.F. Katz u B.D. Meyer (1990) The impact of the potential duration of unemployment benefits on the duration of unemployment. *Journal of Public Economics*. Vol. 41(1): 45-72. S.P. Jenkins, C. Garcia-Serrano (2004) The relationship between unemployment benefits and re-employment probabilities: evidence from Spain. *Oxford Bulletin of Economics and Statistics*. Vol. 66 (2): 239-260. K. Carling, P.-A. Edin, A. Harkman, B. Holmlund (1996) Unemployment duration, unemployment benefits, and labour market programmes in Sweden. *Journal of Public Economics*. Vol. 59(3): 313-334. M. Hagedorn, I. Manovskii, K. Mitman (2015) The impact of unemployment benefit extensions on employment: the 2014 employment miracle? H. Schmitz, V., Steiner (2007) Benefit-entitlement effects and the duration of unemployment: an ex-ante evaluation of recent labour market reforms in Germany. IZA Discussion Paper No 2681.

<sup>7</sup> Ara pereżempju D. Gallie, S. Paugam, S. Jacobs (2003) Unemployment, poverty and social isolation: is there a vicious circle of social exclusion? *European Societies*. Vol. 5(1): 1-32.

<sup>8</sup> Ara pereżempju F. Figari, M. Matsaganis, u H. Sutherland, (2013) Are European Social Safety Nets Tight Enough? Coverage and Adequacy of Minimum Income Schemes in 14 EU Countries. *International Journal of Social Welfare*. Vol. 22: 3-14. M. Fernandez Salgado, F. Figari, H. Sutherland, A. Tumino (2014) Welfare compensation for unemployment in the great recession. *Review of Income and Wealth*. Series 60, supplement issue, Meiju 2014.

<sup>9</sup> See for instance Wulframm M. and Fervers L. (2013), Unemployment and subsequent employment stability: does labour market policy matter? IZA Discussion paper No 7193.

<sup>10</sup> Possibbiltà minnhom hi li tinxtiehet enfasi, fuq il-bażi tal-prattika tal-Istati Membri, fuq ir-rati netti ta' sostituzzjoni wara sitt xhur qgħad bi 80 % tal-paga medja, filwaqt li jittieħed kont li hemm livelli minimi u massimi wkoll.

**Filwaqt li hu ċar li rati netti ogħla ta' sostituzzjoni jsarrfu b'mod dirett f'introjtu akbar għall-unitajiet domestiċi, l-impatt nett ta' dawn jiddependi minn numru ta' fatturi,** b'mod partikolari fuq l-interazzjonijiet ta' dawn ma' benefiċċji oħra u mas-sistema fiskali, u minn aspetti bħal-livell preċedenti ta' qligħ u r-rekord tax-xogħol<sup>11</sup>. Barra minn hekk, rati ogħla ta' sostituzzjoni jistgħu jsarrfu wkoll f'diżinċentivi finanzjarji dejjem akbar għax-xogħol, li min-naħa tagħhom jistgħu jħallu impatt negattiv fuq ir-rati ta' attività jew ta' impjeg, b'mod partikolari għal ċerti kategoriji ta' ħaddiema (bħall-qiegħda b'sieħeb fix-xogħol)<sup>12</sup>. In-nases tal-qgħad<sup>13</sup> spiss ikunu għoljin ħafna għall-ħaddiema b'paga baxxa u għall-ħaddiema offruti impjegji għodda b'pagi anqas.

**It-tielet għodda ta' politika relatata mal-kundizzjonijiet ta' intitolament, it-tul tal-perjodu ta' kwalifika, tidher li għandha korrelazzjoni pożittiva mar-rata ta' faqar tal-qiegħda.** L-intitolament għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad jiddependi mir-rekords tax-xogħol preċedenti u/jew mill-kontribuzzjonijiet imħallsa. B'mod partikolari, il-qiegħda ġeneralment ikunu meħtieġa jkollhom rekord minimu tax-xogħol, li għandu definizzjoni u tul li jvarjaw b'mod sostanzjali. Konsegwentement, l-individwi b'perjodi iqsar ta' xogħol u b'anqas rekords ta' xogħol kontinwu huma koperti anqas

spiss mill-benefiċċji tal-qgħad<sup>14</sup>. Għaldaqstant, kundizzjonijiet stretti ta' eliġibbiltà jwasslu għal anqas nies qiegħda intitolati għall-benefiċċji, li jfisser kopertura baxxa u impatt baxx ta' stabbilizzazzjoni. Il-possibbiltà ta' akkumulazzjoni ta' perjodi ta' kontribuzzjoni differenti biex ma jintilef ebda dritt għandha impatt sinifikanti hawnhekk. Il-kundizzjonijiet ta' intitolament għall-ħaddiema għal rashom u għall-ħaddiema b'kuntratti atipiċi spiss jintużaw ukoll bħala ingranaġġ biex tittejjeb il-kopertura, pereżempju billi tiġi pprovduta l-possibbiltà li wieħed jissieħeb fi skema fuq bażi volontarja.

**Ir-riformi mmirati biex iżidu r-rati ta' sostituzzjoni u d-durata tal-benefiċċji,** jew lejn it-twessieġ tal-kundizzjonijiet ta' intitolament, ifissru nfiq addizzjonali. Taħt l-iskemi tat-tip ta' assicurazzjoni l-impjegati u d-ditti jikkontribwixxu b'mod dirett biex jiffinanzjaw il-benefiċċji. Peress li t-tali kontribuzzjonijiet ġeneralment jitqiesu li huma simili għal tassazzjoni, kopertura usa' tal-benefiċċji li teħtieġ kontribuzzjonijiet ogħla tista' possibbilment tiskoraġġixxi l-ħolqien tax-xogħol. Minkejja dan, riformi bħal dawn huma mistennija wkoll li jippermettu lis-suq tax-xogħol u lill-ekonomija jaħdmu aħjar fit-terminu medju, jiġġeneraw dħul akbar mit-taxxa fuq l-introjtu mix-xogħol, minkejja li b'redditi dejjem anqas fuq l-ammont li jintefaq fuq il-benefiċċji tal-qgħad u fuq il-miżuri ta' attivazzjoni.

**Anki fuq żmien qasir, il-benefiċċji mnaqqsa tal-qgħad mhux bilfors li jiffrankaw flejjes pubbliċi:** f'ħafna mill-Istati Membri, il-qiegħda spiss jieħdu forum oħra ta' appoġġ soċjali li għandhom tendenza li jkunu aktar dejjiema, u jvarjaw minn assistenza

---

<sup>11</sup> Ara pereżempju J. Gruber (1994) The consumption smoothing benefits of unemployment insurance. NBER working paper, no. 4750, or M. Dolls, C. Fuest, A. Peich (2012) Automatic stabilisation and discretionary fiscal policy in the financial crisis. IZA Journal of Labor Policy. Vol. 1(4).

<sup>12</sup> Ara pereżempju OECD (2005), Increasing financial incentives to work: the role of in-work benefits. Employment outlook, kapitlu 3.

<sup>13</sup> L-indikatur ikejjel ir-rata tat-taxxa effettiva marġinali fuq ix-xogħol, jiġifieri kemm iż-żieda fil-qligħ gross meta wieħed jimxi mill-qgħad għax-xogħol titnaqqas minħabba t-taxxi fuq l-introjtu, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-irtirar tal-benefiċċji.

---

<sup>14</sup> Ara pereżempju ILO *World Social Protection report* (2014-15), Esser I., T. Ferrarini, K. Nelson, J. Palme u O. Sjöberg (2013) "Unemployment Benefits in EU Member States" jew Langenbuecher, K. (2015), "How demanding are eligibility criteria for unemployment benefits, quantitative indicators for OECD and EU countries", OECD Social, Employment and Migration Working Papers, No 166, OECD Publishing, Pariġi.



għall-qgħad sa introjtu minimu (miżuri passivi).

**Mhuwix faċli li jiġu vvalutati l-kostijiet għall-finanzi pubbliċi fuq iż-żmien qasir u fit-tul u dawn ivarjaw maż-żmien.** Suppożizzjoni plawżibbli hi li l-ewwel sensiela ta' kostijiet relatati mal-kopertura akbar jew mal-ammonti għoljin tal-benefiċċji tista' tiġi kkompensata relattivament malajr minn prestazzjoni mtejbja fl-impjegi u minn redditi akbar mit-taxxa minħabba numru akbar ta' nies li jkunu qed jaħdmu, kif ukoll mill-ekonomija li tikber b'rata aktar mgħaġġla bis-saħħa tal-użu mtejjeb tal-kapital uman.


bħala għodod tal-politika fit-taqsimha ta' qabel, l-istat fl-Istati Membri individwali hu muri fit-Tabelli 5, 6, 7 u 8 hawn taħt.

It-tabella 5 turi d-durata massima tal-benefiċċji wara sena kontribuzzjonijiet. Filwaqt li f'ħafna Stati Membri d-durata hi iqsar mill-perjodu ta' kontribuzzjoni (b'nofs perjodu, jiġifieri 26 ġimgħa, li hu l-aktar frekwenti), f'erba' każijiet din tilħaq il-perjodu ta' kontribuzzjoni (jiġifieri fil-Greċja, fi Franza, fil-Lussemburgu u fin-Netherlands) u fi tliet każijiet hi ogħla (71 ġimgħa fil-Finlandja, 104 fid-Danimarka, indefinita fil-Belġju). Fuq in-naħa l-oħra tal-iskala, il-benefiċċji jdumu tliet xhur jew inqas fil-Kroazja, fl-Ungerija, f'Malta u fis-Slovenja.

#### 4. EVALWAZZJONI BIR-REQQA TAL-ISTAT TAL-POLITIKA

Rigward il-parametri differenti tal-assigurazzjoni tal-qgħad li ġew deskritti

**Tabella 5: Id-durata massima tal-benefiċċji għal rekord tax-xogħol ta' sena, Jannar 2017**




Sors: Il-bażi ta' data tas-Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-leġiżlazzjoni nazzjonali (għal Spanja, għall-Italja u għal Franza).

Nota: Fil-Belġju, ma hemm ebda limitu fuq id-durata tal-benefiċċji. F'ħafna pajjiżi (ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Litwanja, il-Portugall), id-durata tal-benefiċċji tiddependi wkoll mill-età, bid-durata għall-iżgħar grupp ta' età li hi l-iqsar waħda, kif muri fit-tabella. Fil-Portugall, jintuża perjodu ta' kontribuzzjoni ta' 15-il xhar minflok ta' sena. Fis-Slovakkja, id-durata murija hi għan-nies b'kuntratti b'terminu fiss, inkella hi ta' sitt xhur. Fil-Polonja, id-durata tiddependi wkoll eż. mir-rata tal-qgħad reġjonali.

Ir-rati netti ta' sostituzzjoni jipprovdu indikazzjoni tal-adeqgatezza tal-funzjoni ta' sostituzzjoni tal-introjtu tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad. Il-livell tagħhom jiddependi minn numru ta' fatturi, inklużi l-livell preċedenti ta' qligħ, l-anzjanità, id-durata tal-perjodu ta' qgħad, l-età u l-kompożizzjoni tal-unità domestika (b'mod partikolari meta tiġi kkunsidrata l-interazzjoni mas-sistema fiskali u ma' benefiċċji oħra). Fil-każ ta' ħaddiem b'paga baxxa b'rekord qasir tax-xogħol (sena), wara xahar qiegħed il-valuri tar-rata netta ta' sostituzzjoni jvarjaw minn 25% tal-qligħ (nett) preċedenti sa 90 % (it-tabella 6). Fil-qiegħ hemm Stati Membri fejn l-

individwu b'karriera tax-xogħol ta' sena ma jkunx eliġibbli għall-assigurazzjoni tal-qgħad (is-Slovakkja, il-Litwanja) jew fejn il-benefiċċju diġà jiġi tterminat fit-tieni xahar tal-qgħad (l-Ungerija). Dawn huma segwiti minn Stati Membri li jipprovdu benefiċċju b'rata fissa li mhix relatata (jew hi relatata b'mod laxk biss) mal-livell tal-qligħ preċedenti (il-Bulgarija, il-Greċja, Malta, ir-Rumanija, ir-Renju Unit). Tqabbil mar-rati netti ta' sostituzzjoni fit-12-il xahar tal-perjodu ta' qgħad juri l-iskadenza tal-benefiċċji (bl-individwi li jaqgħu fi skemi oħra, bħall-qgħad jew l-assistenza soċjali) jew inkella tnaqqis fl-ammont tal-benefiċċju.

**Tabella 6. Ir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad b'67 % tal-Paga Medja, Jannar 2016**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea bbażata fuq l-indikaturi tal-benefiċċji tat-taxxa tal-OECD.

Nota: Il-kalkolu hu għal ħaddiem bi 80 % tal-paga medja, b'sena kontribuzzjonijiet (it-tieni u t-12-il xahar ta' riċevuta tal-benefiċċji). It-tabella tinkludi l-komponenti differenti kollha tal-introjtu, li jinkludu l-benefiċċji tal-qgħad u benefiċċji oħra (bħall-assistenza soċjali u l-allowances għall-akkomodazzjoni).

Fl-Istati Membri kollha, l-intitolament għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad jiddependi mir-rekords tax-xogħol preċedenti u/jew mill-kontribuzzjonijiet imħallsa. It-tabella 7 turi li n-numru ta' ġimgħat meħtieġa biex jiġu aċċessati l-benefiċċji tal-qgħad ivarja bejn 25 jew anqas fil-Greċja, fi Franza, fl-Italja u f'Malta, sa iktar minn 80 fil-Litwanja u fis-Slovakkja, b'sena (52 ġimgħa) l-aktar

komuni. Għall-proporzjon bejn il-perjodu tal-kontribuzzjonijiet u perjodu "referenzjarju" itwal — li jaqgħu possibbli li jiġu kkunsidrati perjodi ta' nuqqas ta' impjieg — l-aktar valur frekwenti fost l-Istati Membri hu dak ta' 0.5 (jiġifieri, il-benefiċjarji għandhom ikunu kkontribwixxew għal tal-anqas nofs il-perjodu referenzjarju).


**Tabella 7. It-tul tal-perjodu ta' kwalifika meħtieġ, is-sitwazzjoni fl-2015**



Sors: Il-bażi ta' data tas-Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali u sorsi nazzjonali (għall-Italja)<sup>15</sup>.

Nota: Djamanti ħomor jindikaw il-proporzjon bejn il-perjodu ta' kontribuzzjoni u l-perjodu referenzjarju. It-tabella tibbaża fuq simplifikazzjoni tad-data għal ċerti pajjiżi fejn il-perjodi ta' kwalifika huma kkalkolati b'mod aktar kumpless.

**Tabella 8: Indikatur ta' kemm huma stretti r-rekwiżiti ta' tiftix ta' impjeg u tad-disponibbiltà għax-xogħol, 2014**



Sors: OECD

<sup>15</sup> Għall-Italja, il-figuri huma relatati mas-sitwazzjoni wara li ġie adottat l-Att tal-Impjieg f'Mejju 2015.

Finalment, il-kundizzjonijiet tat-tiftix ta' impjeg u tad-disponibbiltà għax-xogħol u s-sanzjonijiet relatati jidhru li huma l-aktar stretti fl-Estonja, fil-Kroazja, fil-Lussemburgu, f'Malta, fil-Portugall u fis-Slovenja, filwaqt li huma l-anqas stretti f'Ċipru u fl-Ungerija. L-importanza relattiva tas-subkomponenti tvarja wkoll b'mod konsiderevoli fost il-pajjiżi.

## 5. RIŻORSI UTILI

Aktar informazzjoni u data dwar il-kundizzjonijiet tal-intitolament, id-durata tal-benefiċċji u l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-benefiċċji tal-qgħad jistgħu jinkisbu mill-bażi ta' data tal-MISSOC<sup>16</sup>. Il-bażi ta' data tiġi aġġornata kull sitt xhur u hi vvalidata mill-Istati Membri. L-informazzjoni tista' tiġi kkumplementata ulterjorment minn sorsi nazzjonali primarji (bħal leġiżlazzjoni), u minn informazzjoni speċifika għall-pajjiżi dwar is-sistemi fiskali u tal-benefiċċji kkompilati pereżempju mill-OECD.

Ir-riżultati mill-mudelli tal-benefiċċji tat-taxxa tal-OECD jistgħu jintużaw għas-sorveljanza tal-iżvilupp fir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji u tal-effetti fuq l-inċentivi għax-xogħol (b'mod partikolari l-hekk imsejħa nassa tal-qgħad, li hi ddefinita bħala r-rata effettiva tat-taxxa li tapplika għall-introjtu gross addizzjonali li jiġi ggwadanjat meta wieħed jimxi mill-qgħad għax-xogħol, b'kunsiderazzjoni kemm għat-tassazzjoni diretta kif ukoll għall-irtirar tal-benefiċċji)<sup>17</sup>. Din id-data ġeneralment tiġi ppubblikata f'Novembru ta' kull sena, bejn wieħed u ieħor madwar sena u nofs sa sentejn wara. L-immudellar jibbaża fuq sett konsistenti ta' suppożizzjonijiet li jiżgura komparabilità bejn il-pajjiżi u juża informazzjoni uffiċjali pprovduta permezz

tad-delegati nazzjonali. L-informazzjoni dwar il-pagi medji, li tgħin fil-kalkoli tal-mudell tal-benefiċċji tat-taxxa, tinkiseb bl-użu ta' metodoloġija definita sew u miftiehma.

Ir-rekwiżiti ta' tiftix ta' impjeg u ta' disponibbiltà għax-xogħol għall-benefiċċji tal-qgħad ġew analizzati mill-OECD<sup>18</sup>. Inġabret data għall-Istati Membri kollha tal-UE, u nbena indikatur kompost biex ikejjel kemm huma stretti t-tali rekwiżiti. Ġew identifikati hdx-il oġġett li jikkarakterizzaw l-aspetti differenti tar-rekwiżiti ta' tiftix ta' impjeg u ta' disponibbiltà għax-xogħol. Dawn huma raggruppati taħt tliet oqsma: id-disponibbiltà għax-xogħol anki matul il-parteċipazzjoni fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-kriterji xierqa tax-xogħol

---

<sup>16</sup> MISSOC, is-"Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali", hi bażi ta' informazzjoni għal-leġiżlazzjoni, għall-benefiċċji u għall-kundizzjonijiet tal-protezzjoni soċjali li huma fis-seħħ fl-Istati Membri kollha tal-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja u fl-Iżvizzera. Għal aktar informazzjoni, ara: <http://www.missoc.org/>.

<sup>17</sup> Għal aktar informazzjoni, ara: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1143&intPageId=3197&langId=en>.

---

<sup>18</sup> Ara: Venn (2012), Langenbucher (2015). Fil-ħidma tagħha, l-OECD tirreferi għar-rekwiżiti ta' tiftix ta' impjeg u ta' disponibbiltà għax-xogħol bħala "kriterji ta' eliġibbiltà", filwaqt li tagħmel distinzjoni fit-terminoloġija bejn il-kundizzjonijiet ta' intitolament (li jirreferu għar-rekwiżiti għall-kisba tad-dritt għall-benefiċċji) u l-kriterji ta' eliġibbiltà (li jkopru s-sett ta' kundizzjonijiet li japplikaw biex jibqgħu jiġu riċevuti l-benefiċċji).

(jiġifieri f'liema ċirkustanzi tista' tiġi miċħuda offerta ta' xogħol mingħajr sanzjonijiet); il-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg (frekwenza tat-tiftix ta' impjieg, bid-dokumentazzjoni li trid tiġi pprovduta); is-sanzjonijiet (għal qgħad volontarju, rifjut ta' offeriti ta' xogħol, nuqqas ta' parteċipazzjoni f'sessjonijiet ta' konsulenza jew fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol).

Data: 11.11.2017